



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.4.2020
COM(2020) 177 final

2020/0067 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2017/352, biex il-korpi ta' ġestjoni jew l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu joffru l-flessibbiltà fir-rigward tat-tariffi tal-infrastruttura portwarja fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet¹ (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament (UE) 2017/352"). L-Artikolu 13 tiegħu jeżiġi li l-Istati Membri jiżguraw li tiġi imposta tariffa tal-infrastruttura portwarja.

It-tifqigħa tal-COVID-19 qed ikollha impatt serju fuq it-trasport marittimu u fuq is-sostenibbiltà finanzjarja tal-operaturi. B'hekk, is-sospensjoni jew id-differiment tal-ħlas tat-tariffi tal-infrastruttura portwarja jistgħu jgħinu lill-operaturi tal-bastimenti f'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali.

L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) 2017/352 jeżiġi li l-Istati Membri jiżguraw li tiġi imposta tariffa tal-infrastruttura portwarja.

It-tariffi tal-infrastruttura portwarja huma definiti fl-Artikolu 2(9) tar-Regolament (UE) 2017/352 bħala “ *tariffa imposta, għall-benefiċċju dirett jew indirett tal-korp ta' ġestjoni tal-port, jew tal-awtorità kompetenti, għall-użu tal-infrastruttura, il-faċilitajiet u s-servizzi, inklużi l-passaġġi fuq l-ilma li jagħtu aċċess għall-portijiet ikkonċernati, kif ukoll aċċess għall-ipproċessar ta' passiġġieri u merkanzija, iżda esklużi r-rati u t-tariffi tal-kiri tal-art li jkollhom effett ekwivalenti*”.

It-tariffi tal-infrastruttura portwarja jiġu imposti mill-korp ta' ġestjoni ta' port jew minn awtorità kompetenti fuq l-utenti tal-port, jiġifieri s-sidien jew l-operaturi tal-bastimenti.

L-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2017/352 jistipula li t-tariffi tal-infrastruttura portwarja jistgħu jvarjaw, *inter alia*, għal ċerti kategoriji ta' utenti, iżda ma jippermettix li l-korp ta' ġestjoni ta' port jew awtorità kompetenti jirrinunzjaw, jissospendu, inaqqsu jew jiddifferixxu l-ħlas tat-tariffi tal-infrastruttura portwarja għall-utenti kollha tal-port.

Id-dispożizzjoni tranżizzjonali l-ġdida tagħti l-għażla lill-Istati Membri biex jippermettu lill-korpi ta' ġestjoni ta' port jew lill-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu jekk:

- jirrinunzjawx (jeżentaw, jiġifieri ma jkunux jeżiġu l-ħlas); jew
- jissospendux (jiffriżaw jew iwaqqfu l-ħlas għal ċertu perjodu ta' żmien); jew
- inaqqsu (jeżiġu ħlas iżgħar); jew
- jiddifferixxu (jeżiġu l-ħlas aktar tard) l-ħlas tat-tariffi tal-infrastruttura portwarja.

Peress li hemm inċertezza dwar kemm se jdumu l-impatti tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq it-trasport marittimu kif ukoll biex is-settur jingħata biżżejjed flessibbiltà, id-dispożizzjoni tranżizzjonali l-ġdida se tapplika għat-tariffi tal-infrastruttura portwarja dovuti bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020.

L-Artikolu 13(5) tar-Regolament (UE) Nru 2017/352 jipprevedi li: “Il-korp ta' ġestjoni tal-port, jew l-awtorità kompetenti, għandhom jiżguraw li l-utenti tal-infrastruttura portwarja jkunu infurmati bi kwalunkwe tibdil fin-natura jew fil-livell tat-tariffi tal-infrastruttura portwarja tal-anqas xahrejn qabel id-data li fiha dak it-tibdil isir effettiv.”

¹ Ir-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet, ĠU L 57, 3.3.2017, p. 1.

Jenħtieġ li tingħata eżenzjoni mir-ekwizit ta' notifika ta' "tal-anqas xahrejn" f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħall-kriżi attwali tal-coronavirus. Għalhekk, l-emenda proposta tagħti l-possibbiltà lill-korpi ta' ġestjoni ta' port jew l-awtoritajiet kompetenti li jiddevjaw min-notifika ta' "tal-anqas xahrejn" f'ċirkostanzi eċċezzjonali u li jagħtu perjodu ta' notifika iqsar, liema perjodu għandu jiġi ddeterminat mill-korp ta' ġestjoni tal-port jew mill-awtorità kompetenti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Ir-Regolament (UE) 2017/352 ma jipprevedix il-possibbiltà li l-portijiet jirrinunzjaw, jissospendu, inaqqsu jew jiddifferixxu t-tariffi tal-infrastruttura portwarja f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħalma huma l-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19. Jenħtieġ għalhekk li r-Regolament jiġi emendat biex l-effetti tal-kriżi attwali jittaffew u l-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u l-individwi jingħataw iċ-ċertezza tad-dritt.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-funzjonament effettiv tat-trasport marittimu jistrieħ fuq il-prestazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-bastimenti. Il-konsegwenzi ekonomiċi negattivi tat-tifqigħa attwali tal-COVID-19 se jkollhom impatt fuq is-saħħa finanzjarja tal-operaturi tal-bastimenti u se jwasslu għal effetti negattivi serji kemm għas-sistema tat-trasport kif ukoll għall-ekonomija kollha kemm hi. L-emendar tar-Regolament 2017/352 biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu l-flessibbiltà meħtieġa lill-korpi ta' ġestjoni ta' port jew lill-awtoritajiet kompetenti biex jirrinunzjaw, jissospendu, inaqqsu jew jiddifferixxu l-ħlas tat-tariffi tal-infrastruttura portwarja jista' jgħin biex dan it-tħassib jiġi indirizzat. L-Istati Membri se jkollhom jiżguraw il-konformità tal-miżuri adottati mar-regoli dwar l-għajjuna mill-Istat.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Din l-inizjattiva hija bbażata fuq l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dik id-dispożizzjoni tippermetti l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet adegwati kollha għat-trasport bil-baħar u diġà serviet ta' bażi għall-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/352.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-oġġettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għar-raġunijiet li ġejjin. Ir-Regolament (UE) 2017/352 ma jħallix lill-Istati Membri, għal raġunijiet bħal dawk ittrattati hawn, jippermettu lill-portijiet jirrinunzjaw, jissospendu, inaqqsu jew jiddifferixxu t-tariffi tal-infrastruttura portwarja. Dan l-oġġettiv jista' jintlaħaq biss permezz ta' emenda tar-Regolament.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija limitata fiż-żmien u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv li jitnaqqas l-impatt tat-tifqigħa attwali tal-COVID-19 għall-finijiet tal-funzjonament tar-Regolament (UE) Nru 2017/352. Il-miżura proposta hija għalhekk proporzjonata.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li l-att legali jemenda r-Regolament (UE) 2017/352, l-istrument legali xieraq huwa Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Din hija miżuri urġenti meħtieġa minħabba t-tifqigħa għal għarrieda u imprevedibbli tal-COVID-19. Għal din ir-raġuni, il-miżura mhijiex rilevanti għall-programm ta' idoneità regolatorja u ma twettqet l-ebda evalwazzjoni *ex post*.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, ma twettqux konsultazzjonijiet formali mal-partijiet ikkonċernati. Madankollu, xi awtoritajiet u portijiet tal-Istati Membri diġà ħabbru miżuri simili għal dawk previsti.

- **Ġbir u użu tal-ġharfien espert**

Kif spjegat, il-ġbir xieraq tal-ġharfien espert ma kienx possibbli minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, ma setgħetx issir valutazzjoni tal-impatt.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-miżura ma tinkludix arranġamenti speċifiċi ta' monitoraġġ jew ta' rapportar. Madankollu, l-Istati Membri se jintalbu jirrappurtaw dwar l-użu tal-miżuri fid-dawl tat-tħejjija ta' rapport tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-funzjonament u l-effett tar-Regolament sal-24 ta' Marzu 2023 kif jeżiġi l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2017/352.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/352 jiżdied paragrafu 3 ġdid. Id-dispożizzjoni l-ġdida tipprevedi l-possibbiltà li l-Istati Membri, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(1), jippermettu lill-korpi ta' ġestjoni ta' port jew lill-awtoritajiet kompetenti jirrinunzjaw, jissospendu, inaqqsu jew jiddifferixxu l-ħlas tat-tariffi tal-infrastruttura portwarja dovuti għall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020. Ir-rinunzjar, is-sospensjoni, it-tnaqqis jew id-differiment tat-tariffa tal-infrastruttura portwarja jridu jingħataw b'mod trasparenti, oġġettiv u mhux diskriminatorju lill-utenti kollha tal-port li huma suġġetti għat-tariffi tal-infrastruttura portwarja. Id-dispożizzjoni l-ġdida tagħti wkoll il-possibbiltà lill-korpi ta' ġestjoni ta' port jew lill-awtorità kompetenti jiddevjaw min-notifika ta' "tal-anqas xahrejn" stipulata fl-Artikolu 13(5) tar-Regolament (UE) 2017/352.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2017/352, biex il-korpi ta' ġestjoni jew l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu joffru l-flessibbiltà fir-rigward tat-tariffi tal-infrastruttura portwarja fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni³,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 qed ikollha impatt serju fuq it-trasport marittimu. L-impatt konsegwenti serju fuq it-trasport marittimu u l-infrastruttura portwarja ilu jinħass mill-1 ta' Marzu 2020, u aktarx se jibqa' jkollu impatt matul l-2020. Ir-rinunzjar, is-sospensjoni, it-tnaqqis jew id-differiment tal-ħlas tat-tariffi tal-infrastruttura portwarja jistgħu għalhekk jikkontribwixxu biex jingħata sostenn għall-operazzjonijiet finanzjarji tal-operaturi tal-bastimenti f'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali.
- (2) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ jeżiġi li l-Istati Membri jiżguraw li t-tariffi tal-infrastruttura jiġu imposti minn korp ta' ġestjoni ta' port jew minn awtorità kompetenti. Ma hemm l-ebda eċċezzjoni minn dan l-obbligu li jiġu imposti t-tariffi, lanqas f'ċirkostanzi eċċezzjonali.
- (3) Fid-dawl tal-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19, jixraq li l-Istati Membri jitħallew jipprovdu l-possibbiltà lill-korpi ta' ġestjoni tal-portijiet jew lill-awtorità kompetenti li jirrinunzjaw, jissospendu, inaqqsu jew jiddifferixxu l-ħlas tat-tariffi tal-infrastruttura portwarja dovuti għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020. Jenħtieġ li r-rinunzjar, is-sospensjoni, it-tnaqqis jew id-differiment tat-tariffi tal-infrastruttura portwarja jingħataw b'mod trasparenti, oġġettiv u mhux

² ĠU C , , p. .

³ ĠU C , , p. .

⁴ Ir-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (ĠU L 57, 3.3.2017, p. 1).

diskriminatorju lill-utenti kollha tal-port li huma soġġetti għat-tariffi tal-infrastruttura portwarja.

- (4) Minħabba l-urġenza, jixraq ukoll li l-korpi ta' ġestjoni tal-portijiet jew l-awtoritajiet kompetenti jingħataw il-possibbiltà li jidderogaw mill-obbligu previst fl-Artikolu 13(5) tar-Regolament (UE) 2017/352, li jinfurmaw lill-utenti tal-infrastruttura portwarja dwar kwalunkwe tibdil fin-natura jew fil-livell tat-tariffi tal-infrastruttura portwarja tal-anqas xahrejn qabel ma dan it-tibdil jidħol fis-seħħ.
- (5) Billi l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament jirrikjedi l-adozzjoni ta' emenda tar-Regolament (UE) 2017/352, fid-dawl tal-urġenza maħluqa mit-tifqigħa tal-COVID-19, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-oġġettiv.
- (6) Minħabba l-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19 li jiġġustifikaw il-miżuri proposti, u b'mod partikolari l-ħtieġa li tali miżuri jiġu adottati malajr fl-interess tas-sostenn tal-operazzjonijiet finanzjarji tal-operaturi tal-bastimenti, jixraq li tingħata eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, li huwa anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (7) It-tifqigħa imprevedibbli u għal għarrieda tal-COVID-19 u l-proċeduri leġislattivi rilevanti li huma meħtieġa għall-adozzjoni tal-miżuri rilevanti wasslu biex kien impossibbli li miżuri bħal dawn jiġu adottati fil-ħin. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikopru t-tariffi dovuti għall-perjodu qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu. Minħabba n-natura ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jenħtieġ li approċċ bħal dan ma jirriżultax fi ksur tal-aspettattivi leġittimi tal-persuni kkonċernati.
- (8) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/352 jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

“3. B'deroga mill-Artikolu 13(1), l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-korp ta' ġestjoni tal-port jew lill-awtorità kompetenti biex ma jimponux, jew biex jissospendu jew biex inaqqsu t-tariffa tal-infrastruttura portwarja jew biex jiddiferixxu l-ħlas tat-tariffa tal-infrastruttura portwarja dovuti għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020. Ir-rinunzjar, is-sospensjoni, it-tnaqqis jew id-differiment tat-tariffa tal-infrastruttura portwarja għandhom jingħataw b'mod trasparenti, oġġettiv u mhux diskriminatorju lill-utenti kollha tal-port li huma soġġetti għat-tariffi tal-infrastruttura portwarja.

Il-korp ta' ġestjoni tal-port jew l-awtorità kompetenti għandhom jiżguraw li l-utenti tal-portijiet u r-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tal-utenti tal-portijiet ikunu infurmati kif xieraq. Il-limitu ta' żmien ta' xahrejn imsemmi fl-Artikolu 13(5) ma għandux japplika.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President